**Laqgħa Numru 24**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**24 ta' Marzu 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' online minħabba l-miżuri tal-Covid-19. Il-laqgħa bdiet fl-4.38 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**24.1.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

24.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 22 li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2021 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru 23 li saret nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021 ġew approvati mill-membri. Dawn kellhom jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv peress li l-laqgħa kienet qed isir online.

**24.1.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-Sindku rrefera għall-Triq Il-Kbira fejn kienu daħlu numru ta' lmenti peress li t-triq ma kinitx taqleb u f'xi partijiet iżomm l-ilma. Is-Sindku spjega li l-fondi biex isir it-triq ma kinux jinkludu li jsir *storm water culvert* imma biss *resurfacing*. Il-Viċi Sindku spjega li hu kien tkellem mal-Ministru t'Għawdex fuq din il-problema li nħolqot wara li xi residenti bagħtulu filmati tal-ilma wara li kienet għamlet ftit xita. Il-Viċu Sindku ssuġġerriexxa li jsiru *water catchments* li jagħqdu mal-ġibjun biex hekk tissolva l-problema tal-ilma. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet li dawn ir-residenti qabel ma saret it-triq ma kellhomx problema t'ilma waqt li l-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li kien hemm parti mit-triq li tniżżlet 'l isfel waqt li kien għaddej ix-xogħol. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill kellu jitlob laqgħa mal-Perit responsabli u l-kuntrattur biex b'hekk tinsab soluzzjoni.

24.3.2 Is-Sindku rrefera għan-numru ta' toroq li kienu ssemmew f'laqgħat preċedenti u li fuqhom il-Kunsill kien qabbad lill-Perit biex jivverifika jekk dawn humiex toroq privati jew pubbliċi. Is-Sindku spjega li l-unika *schemed road* mil-lista ta' toroq hi Triq Torri Torri Gorġun sa fejn jasal il-bini. Triq Daħla Toni Camilleri u Triq Tal-Ċnus huma toroq li m'humiex propjeta' tal-gvern waqt li Triq Tal-Ġidi, Triq Rotonda, Trejqa Tal-Barrieri u Triq Sansun huma toroq "*formed through develpment"* u għaldaqstant ġaladarba l-gvern jitlob ir-*release* jkun jista' jipproċedi biex isir it-triq. Triq L-Arċipriet Ġużepp Grech fiha art privata fuq kull naħa tat-triq waqt li l-art tan-nofs hi tal-gvern. Is-Sindku spjega ukoll li filkaż ta' toroq li huma "*formed through development*" mhuwiex minnu li triq trid tkun aktar minn 70% żviluppatha. Is-segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tibgħat il-korrispondenza li għadda l-Perit min-naħa tal-Lands lill-membri kollha tal-Kunsill.

24.3.3 Is-Sindku spjega li hemm pressjoni mir-residenti biex isir Triq Torri Gorġun. Il-Viċi Sindku spjega li qabel ma jgħaddu s-servizzi fi Triq Torri Gorġun din ma tistax isir. Il-Kunsill iddiskutta li f'Għawdex ftit huma t-toroq li d-drenaġġ mhux ikkonnetjati bis-servizzi tad-drenaġġ bħal ma' hi Triq Torri Gorġun. Is-Sindku semma' Triq San Leonardu fejn ir-residenti ta' dawn it-triq għadhom bil-fossa. Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jekk issir Triq Torri Gorġun, il-proġett għandu jkun wieħed komplut bis-servizzi ukoll waqt li l-Viċu Sindku stqarr li l-gvern għandu jilħaq kompromess biex dawn is-servizzi jgħaddu ukoll. Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet li ssir pressjoni sabiex issir it-triq u spjegat li bi sforzi mir-residenti stess it-triq tkun tista'ssir kollha kemm hi u mhux parti minna biss.

24.3.4 Is-Sindku rreferra għat-talba għall-*camping* f'Masġar Blankas. Il-Kunsill iddiskuta u ma qabilx li jingħata dan il-permess fuq il-premessa li Masġar Blankas hu pubblika li b'hekk jintuża minn kulħadd. Permess għall-*camping* għandu jingħata biss lill-iscouts. Għaldaqstant kellha tiżdied tabella li *camping* mhux permess mat-tabella li diġa' hemm fl-entratura.

24.3.5 B'referenza għal-laqgħa virtwali li saret fit-23 ta' Marzu 2021 mal-Perit Antoine Zammit biex jiddiskutti mal-Kunsill il-proġett Slow Street, is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill x'kien qed jiġi propost u l-amendi li s-Sindku ħass neċċessarji fosthom li ma jsirux marki fuq il-porfido fil-pjazza u li ma jsirx *cycle lanes* fi Triq San Bert. Is-Sindku spjega li waqt li l-Kunsill kien applika bl-iskop li jsiru *bollards* jitilgħu u jinżlu biex tkun tista' tingħalaq il-pjazza u titgawda mill-pubbliku, dak propost kien totalment differenti. Is-Sindku wieġeb lill-Kunsillieri li f'dak propost ma kienet issemmiet l-ebda triq li għandha ssir one-way.

24.3.6 Is-Sindku rrefera għal dak diskuss waqt il-laqgħa tar-Reġjun biex il-Kunsilli Lokali Għawdxin jingħaqdu ma' xulxin biex ikun protett il-pajsaġġ Għawdxi u jiġi kkontrollat l-iżvilupp ta' bini bla rażan, l-ogħli tal-bini, etċ. Il-Kunsill iddiskutta din il-materja waqt li ttieħed inkonsiderazzjoni li attwalment bħala lokalita' m'għandniex din il-problema.

24.3.7 Is-Sindku rrefera għall-komunikat li l-Kunsill kien irċieva mill-għaqda tan-nar għall-kollobarazzjoni fl-*insurance* għall-ħruq an-nar fil-festa tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel li din kellha titħallas bħal snin preċedenti.

24.3.8 B'referenza għall-iskema SPI/SCI/02/2021 fuq tisbiħ għall-playingfields, is-Sindku spjega li minħabba li l-evalwazzjoni għat-tender tal-Perit għadha m'hiex konkluża biex il-Kunsill japlika għal din l-iskema jkun għaqli li jqabbad Perit biex jaħdem fuq il-proġett propost. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li għandu japplika għal tisbiħ fuq il-playingfield ta' Ġokk. Ġnien Castelveneren. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li kellu jaħtar il-Perit Shawn Micallef fuq dan il-proġett.

24.3.9 Is-Sindku rreferra għat-talba għall-mera fi sqaq fi Triq L-Indipendenza. Il-membri tal-Kunsill qablu li din kellha ssir faċċata tal-isqaq.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet għan-nuqqas ta' *open spaces* li jinħass sew f'Għawdex b'mod speċjali għal tfal bi bżonnijiet speċjali. L-istess Kunsilliera semmiet kif l-art ħdejn il-grawd tal-futbol fix-Xewkija hi perfetta biex tiġi żvillupatha għall-proġett simili fejn per eżempju t-tfal ikunu jistgħu jippratikaw ċertu sports li jista' jgħin biex jitnaqqas l-istress jew għall-iżvilupp ta'ċertu muskoli. Il-Kunsill iddiskutta kif din l-art, *buffer zone*, ma tgħajjat lil ħadd waqt li l-art 'l isfel minn din il-parti tappartjeni lil MIP. Il-Kunsill iddiskutta kif fil-passat kien sar tentattiv biex din l-art tgħaddi permess ta' devoluzzjoni lill Kunsill.

24.4.2 Il-Kunsillier Jeanelle Attard staqsiet dwar il-cover li l-Kunsill kien qabel li ssir mal-bus shelter fil-bidu ta' Triq Il-Ħamrija fejn ir-razett tax-Xiber. Il-Kunsill qabel li għandha ssir perspex ġo frame u tiġi nstallata fl-art biex hekk toffri aktar protezzjoni f'każ li xufier jitlef il-kontroll.

24.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsil kellux risposta fuq il-konessjoni tal-culvert ta' Triq Tal-Ġidi ma' Triq L-Imġarr hekk kif il-garanzija fuq Triq L-Imġarr kienet għaddiet. Is-Sindku rrisponda fin-negattiv u ħa nota biex jieħu ħsieb jiċċekja mal-Perit Shawn Micallef.

24.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għal-latrina f'Masġar Blankas li qiegħda tkun magħluqa. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li din kellha tkun miftuħa fi ġranet pubbliċi u fi tmiem il-ġimgħa, il-Ġimgħa, Sibt u Ħadd. Il-Kunsill kellu jiġbed l-attenzjoni lill-Għaqda Dilettanti tan-Nar biex jara jekk għadhomx interessati jieħdu ħsieb din il-latrina. Il-Kunsill kien lest li jħallas €150 kull xahar.

24.4.5 Il-Kunsilliear Jeanelle Attard irrimirkat il-bżonn li jkun hemm assistenza tal-pulizija mal-iskola kuljum hekk kif l-iskola tax-Xewkija tinsab f'arterja u hi triq traffikuża ħafna. Din il-materja kellha terġa' titqajjem waqt il-laqgħa skedata mas-Supretendent fis-26 ta' Marzu 2020. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li tintbagħat korrispondenza fejn jiġu kkupjati il-Ministri tal-Intern, il-Ministru tal-Edukazzjoni, ir-Reġjun t'Għawdex u anke l-AKL. Is-Sindku spjega li din il-materja għandha tiġi ndirizzata waqt il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

24.4.6 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il-ħitan fejn il-Madonna ta' Angelique. Is-Sindku spjega li dawn il-ħitan kienu ser isiru taħt Fondi Ewropej mill-Ministeru t'Għawdex. Il-Viċi Sindku spjega li sakemm isir dan ix-xogħol ikun tajjeb li jittranġa mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill.

24.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet rigward l-ismijiet tat-triq Gużepp Cilia lill-membri tal-Kunsill biex tikkonferma kif kellha tipproċedi mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq minħabba l-isem ta' Trejqet Kraba. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u qablu li l-Kunsill kellu jitlob biex Trejqet Kraba kellha tissemma' Trejqet Żakkarija Cilia waqt li kellna nitolbu biex Triq Ġużepp Vella li ngħatat għal triq f'Ta Ġokk kellha tingħata lil triq fl-inħawi tal-Gorġun. Rigward korrispondenza biex Triq Tas-Salvatur tingħat isem uffiċjali l-membri tal-Kunsill qablu unanimament ma' dak propost mill-Kumitat tat-Toroq

24.4.8 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni ħitan tas-sejjieħ fejn ta' Angelique. Nagħmlulu ftit siment fuqu. Hemm ukoll bżonn karetta Triq Is-Salib, l-aħħar biċċa biex isir.

## 24.5 Budget 2021

24.5.1 Is-Segretarju għaddiet kopja tal-budget għas-sena 2021 amendati wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill hekk kifkienu diskussi numru t'emendi mal-*accountant*. Il-budget kellu jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv hekk kif il-laqgħa kienet qiegħda isir b'mod virtwali.

**24.6 Skema Lesa AKL Sigurta'- Fondi għall-Komunita'**

24.6.1 Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew l-iskem maħruġa mil-Lesa u l-Kunsill unanimament qabel li kellna napplikaw fuq Masġar Blankas. Il-Kunsill qabel li kellu minnufih jikkomunika mal-Perit Scerri li kien ħadem fuq Masġar Blankas fil-passat biex jaħdem fuq din l-applikazzjoni li fost l-oħrajn għandha tinkludi l-iżvilupp fl-*Intepretation Centre* biex isir mużew fejn fih ikun jistgħu jiġi esebiti il-fdalijiet li kienu nstabu f'dan il-ġnien, restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ, restawr fuq il-girna, tisbiħ l-entratura b'tabella, tabelli li jindika postijiet ta' interess fil-masġar stress fost l-oħrajn.

**24.7 Rapport tal-Evalwazzjoni: Tender Miżura 4.4- Ħitan tas-Sejjieħ tal-Loġġa**

**Tender tal-Perit**

24.7.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-evalwazzjoni fuq dawn iż-żewġ tenders ma kinitx ġiet iffinalizzati u għaldaqstant dawn ir-rapporti ma kinux għadhom lesti.

**24.8 Korrispondenza u Ilmenti**

24.8.1 Imejl mingħand l-Assistent Direttur mill-Gvern Lokali dwar laqgħa dwar l-immaniġjar tal-iskart, it-Tlieta 16 ta' Marzu 2021.

24.8.2 Imejl mingħand is-Sa Frankline Zammit Galea, kap tal-iskola Primarja tax-Xewkija, fejn irrispondit li lesta li titkellem mal-Kunsill dwar l-entratura tal-iskola minn Triq Widnet il-Baħar, iżda l-ewwel trid tlaqqa l-Kunsill tal-iskola.

24.8.3 Ċirkulari AKL 2021/018 – Tnedija tal-programm YEP 2021.

24.8.4 Ittra mingħand Transport Malta dwar talba għal 1.5m 'Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay' fi Triq San Ġwann Battista.

24.8.5 Imejl mingħand is-Sur Colin Attard, Surmast Direttur, b'talba għal kollaborazzjoni fil-festival li ser isir fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija it-Tnejn 5 t'April 2021 bis-sehem tal-organista internazzjonali Wayne Marshall.

24.8.6 Sejħa għal parteċipazzjoni fir-'Ran EU-US Digital Study Visit' li ser isir fl-24 u l-25 ta' Marzu 2021.

24.8.7 Ċirkulari AKL 2021/022 – Preżentazzjoni Zoono – Kopja tal-preżentazzjoni waqt il-Webinar dwar l-Indafa Pubblika.

24.8.8 Ċirkulari AKL 2021/020 – Webinar 'Supporting Children and Youth within our localities' li ser isir il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021.

24.8.9 Kjarifika mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali – Emenda 13.3 – Coronavirus. Is-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku jistgħa jagħmlu pjan sabiex kull xogħol li jista jsir bit-teleworking isir hekk b'tali arranġamenti li x-xogħol u s-servizzi lill-klijenti jibqa' konsistenti.

24.8.10 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv lis-Sa Borg Zammit mill-Malta Libraries dwar il-possibilita li jintbagħt xi ħadd biex jiftaħ il-librerija sakemm il-librara tirritorna lura għax-xogħol. Hija rrispondit li ser tara hux possibli li tinfetaħ tal-inqas darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Malta Libraries li hemm librar li jista' jiftaħ kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa.

24.8.11 Ċirkulari AKL 2021/019 – Webinar AKL 'Better Local Enviroment for Better Living' li ser isir is-Sibt 10 ta' Marzu 2021.

24.8.12 Ċirkulari AKL 2021/024 – Online Team Building Event li ser issir is-Sibt 3 t' April 2021.

24.8.13 Imejl mis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-aħbar tal-mewt u l-funeral ta' omm ta' ħaddiem li jaħdem mal-Kunsill Lokali ix-Xewkija.

24.8.14 Imejl mingħand is-Sur Svetlick Flores, CEO tal-LESA, dwar fondi għall-proġetti fil-komunita' min l-Aġenzija LESA.

24.8.15 Korrispondenza mis-Sa Maria McMara mid-Direttorat tal-Edukazzjoni fejn qed jinforma lill-Kunsill li jista' jinnomina persuna għall-kariga ta' President fil-Kunsill Skolastiku tal-lokalita'.

24.8.16 Ċirkulari AKL 2021/015 – 'Mental First Aid' – Taħriġ ta' Mental First Aid għal membri eletti u Segretarji Eżekuttivi.

24.8.17 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar il-kwotazzjonijiet irċevuti għat-tender tar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.

24.8.18 Imejl mingħand is-Sur Ruben Said minn Transport Malta, fejn jinforma lill-Kunsill li l-permessi tal-għeluq tat-toroq jista' jibda jingħata minn filgħodu kmieni sakemm jibqgħu magħluqa l-iskejjel.

24.8.19 Imejl dwar problema tal-parkeġġ fi Triq Ħaġret l-Armi. Residenti qalulna li ġieli jsibuha diffiċli biex joħorġu l-karozza min djarhom stess peress li t-triq hija dejqa u bil-karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħħat ma jkunux jistgħu joħorġu.

24.8.20 Ċirkulari AKL 2021/016 – EUCF Webinar – Appoġġ finanzjarju biex isir studju u pjan finanzjarju ta' kif Kunsill Lokali jista' jinvesti f'enerġija effiċjenti u sostenibbli.

24.8.21 mejl minħand residenta fiż-żona Ta' Ġokk b'talba għal 'patching' u tindif tat-toroq tal-madwar.

24.8.22 Imejl mingħand is-Sur Matthew Mifsud mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar opportunita ta' taħriġ 'Introducing the European Solidarity Corps'.

24.8.23 Imejl mingħand is-Sa Chantelle Sciberras fejn talbet għal permess biex isir camping fil-lokalita tax-Xewkija.

24.8.24 Ċirkulari AKL 2021/026 – Active Ageing and Community Care – Update of application.

24.8.25 Imejl mingħand il-librara s-Sa Mercieca lis-Sa Doreen Borg Zammit mill-Malta Libraries fejn qalet li min-nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu ser terġa tibda tagħti s-servizz tagħha fil-librerija.

24.8.26 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex dwar il-101 laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex li ser issir it-Tnejn 22 ta' Marzu 2021.

24.8.27 Diversi ilmenti mingħand residenti mil-lokalita tax-Xewkija dwar ħmieġ tal-annimali fit-toroq u anke dwar ħruġ tal-boroż tal-iskart f'ħinijiet ħżiena li qed jikkawżaw aktar ħmieġ.

24.8.28 Talba għal-bankina fi Triq San Ġwann peress li fil-preżent mhemmx bankina u qed tinħoloq problema kull meta tagħmel ix-xita.

24.8.29 Talba biex tissewwa l-parti tat-triq in-Naġġara quddiem dar numru 27 peress li qed iżomm ħafna ilma quddiem din ir-residenza.

**24.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

24.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**22.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

22.9.1 Il-laqgħa ntemmet 7.37pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **26 ta' Mejju 2021**

**IFFIRMATA**

Hubert Saliba

Sindku

**IFFIRMATA**

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv